MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2013

Numru. 180/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Anne Marie Micallef**

**vs**

**omissis**
**Mary Ann Vassallo**
**Nazzareno Vassallo**
**Pio Vassallo**
**Reginald k/a Aldo Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati omissis u l-imputata Mary Ann Vassallo ta’ 58 sena, bint Manuel u Maria Tonna, mwielda Mosta fil-05/11/1950 u residenti Ionica, Vjal l-Indipendenza, Mosta u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 868750(M) u l-imputat Nazzareno Vassallo ta’ 57 sena, iben Piu u Carmela nee’ Camilleri, imwieled Mosta fis-26/12/1951 u residenti Ionica, Vjal l-Indipendenza, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 19452(M) u l-imputat Pio Vassallo ta’ 31 sena, iben Nazzareno u M’Anne nee’ Tonna, imwieled San Giljan fil-15/07/1977 u residenti Ionica, Vjal l-Indipendenza, Mosta u detentur tal-karta tal-identita’ numru 421777(M) u l-imputat Reginald k/a Aldo Vella ta’ 62 sena, iben Joseph u M’Assunta nee’ Galea, imwieled Naxxar fit-3/12/1946 u residenti 43 ‘Onda Blu’, Triq I. Newton, Mellieha u detentur tal-karta tal-identita’ numru 1077346(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

1. F’ Tigne Point, Sliema fl-24 ta’ April, 2006 ghal habta tas-7.30a.m. fil-kapacita’ taghhom ta’ diretturi tal-kumpanija Vassallo Builders Group Limited b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila u arti fil-professjoni taghhom jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti wegga’ gravi Nedo Glisic u dan ai termini tal-Art. 225, 214, 218 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Fl-istess hin, lok u cirkostanzi naqsu milli jharsu s-sahha u sigurta’ ta’ l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta’ l-artikoli 6 (1) (2) ta’ l-att 27/2000 Kap 424.

3. Fl-istess hin, lok u cirkostanzi naqsu bhala persuni li jhaddmu, u ta’ kull persuna li tahdem ghal rasha, li jaghmlu jew li jizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta’ kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita’ tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta’ tal-haddiema

u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03.

4. Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi bhala persuni li jhaddmu hames haddiema jew aktar, naqsu milli jzommu fil-pussess taghhom kopja bil-miktub jew li tista' tinkiseb b'mod elettroniku dawn l-evalwazzjonijiet, u li jizguraw li jkunu aggornati regolarment u dan ai termini ta' l-artikolu 10(2) ta' A.L. 36/03.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Frar 2010 (esebit a fol. 16 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2010 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghhom surreferita.

Rat li waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu 2011 il-Prosekuzzjoni rtirat l-imputazzjonijiet fil-konfronti ta' Jonathan Buttigieg u l-Qorti ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dawn l-imputazzjonijiet fil-konfronti tieghu.

Rat l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-Difiza waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu 2011 in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) imputazzjoni.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fuq il-post tax-xoghol fl-24 ta' April 2006 ghall-habta tas-7.30am fejn Nedo Glisic li kien impjegat mas-socjeta' Vassallo Builders Group Limited (C2448) wegga' gravement fuq il-post tax-xoghol u cioe' is-sit ta' kostruzzjoni ta Tigne Point, f'Tas-Sliema. L-imsemmija socjeta' kienet tifforma parti minn consortium li kien qed jizviluppa Tigne Point u kienet qed taghmel xoghol ta' kostruzzjoni. Nedo Glisic waqa' f'toqba waqt li kien qed igorr pjanca tal-concrete maghrufa bhala rasto panel, liema pjanca kienet qed tghatti t-toqba li huwa waqa' fiha. Glisic waqa' gholi ta' tlett sulari l-isfel fl-imsemmija toqba u sofra griehi ta' natura gravi li kellhom il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali skond kif jirrizulta mir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri [1], mix-xhieda tal-allegat vittma Nedo Glisic[2] u mir-rapporti medici minnu esebiti u nseriti a fol. 111 sa 114 tal-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi dwar dan l-incident saret Inkjesta Magisterjali[3] fejn gie mahtur bhala espert tekniku il-Perit Valerio Schembri bl-inkarigu li jzomm access fuq is-sit in kwistjoni u jisma' x-xhieda bil-gurament u wara jirrelata dwar l-osservazzjonijet li jkun ghamel waqt l-istess access. In-nomina tal-esperti kollha mahtura fl-Inkjesta Magisterjali giet debitament konfermata minn din il-Qorti permezz ta' digriet tat-2 ta' Lulju 2010. Fir-rapport tieghu inserit a fol. 20 et sequitur tal-atti processwali il-Perit Valerio Schembri kkonkluda s-segwenti:-

*"Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni tal-esponent u mill-osservazzjonijiet li saru fuq il-post jidher illi:*

*1. Nhar l-24 ta' April 2006 ghall-habta tas-7.30am sehh incident fuq is-sit tal-kostruzzjoni Block T7P. Tigne' Point,*

[1] Rapport relattiv inserit a fol. 13 et sequitur tal-Process Verbal inserit a fol. 33 tal-atti processwali.
[2] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenzi tas-27 ta' Ottubru 2010 u tal-11 ta' Marzu 2011.
[3] Process Verbal relattiv inserit a fol. 33 tal-atti processwali.

*Sliema lli fih wegga' Nedo Glisic meta waqa' gholi ta' circa rtminn (8) metri minn toqba fis-saqaf li fuqu kien qed jahdem.*

*2. Il-post fejn sehh l-incident u cioe' il-posizzjoni tat-toqba li minnha waqa' Glisic qed jigi muri bl-ittri XX fuq Dok. A esebit in atti u l-lokazzjoni fejn spicca fuq Dok. B. Dok. VS 04 mhejji mill-Perit Tekniku juri f'aktar dettall il-parti tas-sit fejn allegatamaent spiccat il-vittma.*

*3. Mix-xhieda ta' Kurgic Svetozar jirrizulta illi t-toqba in kwistjoni kienet mghottija biss permezz ta' panella wahda meta sehh l-incident mertu ta' din l-Inkjesta.*

*4. Waqt l-access gie konstatat li din it-toqba kienet mghottija permezz ta' tlett bicciet plywood u kien hemm parti mit-toqba miftuha. It-toqba kienet cirkondata permezz ta' linji ta' lewn isfar. L-istess toqba waqt l-access kienet cirkondata permezz ta' erba' briksiet u tape abjad u ahmar.*

*5. Huwa fatt stabbilit illi fuq sit ta' kostruzzjoni kull fetha li minnha jistghu jaqghu il-haddiema jew persuni ohra li jkunu fuq is-sit, jehtieg li tkun effettivament koperta jew recintata u indikata bl-aktar mod propizju."*

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputati fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tas-socjeta' Vassallo Builders Group Limited qed jigu akkuzati talli minhabba nuqqas ta' hsieb, traskuragni u nuqqas ta' hila jew arti fil-professjoni taghha korra gravement Nedo Glisic. Kif intqal aktar 'il fuq fil-11 ta' Marzu 2011 meta nqraw l-imputazzjonijiet odjerni wara li saret korrezzjoni fic-charge sheet id-Difiza eccepiet il-preskrizzjoni in kwantu jirrigwarda din l-imputazzjoni. Ir-reat li bih jinsabu akkuzati l-imputati permezz tal-ewwel(1) imputazzjoni huwa dak kontemplat fl-Artikolu 226(1) (a) tal-Kodici Kriminali liema reat jikkomporta piena ta' prigunerija ta' mhux izjed minn sena jew multa ta' mhux izjed minn €4658.75. L-Artikolu 688(d) tal-Kodici Kriminali jipprovdi perijodu ta' preskrizzjoni ta' hames snin ghal

delitti suggetti ghal piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn erba' snin u mhux anqas minn sena. Il-perijodu ta' preskrizzjoni applikabbli ghar-reat kontemplat fl-ewwel(1) imputazzjoni huwa ghalhekk dak ta' hames snin. Mill-provi rrizulta li l-incident de quo sehh fis-26 ta' April 2006 u li l-imputati odjerni gew notifikati bic-charge sheet kif korretta fil-11 ta' Marzu 2011, u cioe' entro t-terminu ta' hames snin minn meta sehh l-incident. L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) imputazzjoni qed tigi ghalhekk michuda.

Ikkunsidrat:

Illi kif ghadu kemm appena inghad fil-paragrafu precedenti permezz tal-ewwel(1) imputazzjoni l-imputati qed jigu akkuzati talli fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tas-socjeta Vassallo Builders Group Limited, u cioe' l-employer tal-persuna li wegga' fuq il-post tax-xoghol, minhabba traskuragni jew nuqqas ta tharis ta' regolamenti kkagunaw il-korriment ta' Nedo Glisic. Permezz tat-tieni(2) mputazzjoni dejjem fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tas-socjeta' msemmija qed jigu akkuzati talli bhala employers ta' Nedo Glisic naqsu milli jipprovdu 'a safe place of work'. Il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz qed tistrieh fuq il-konkluzjonijiet tal-espert tekniku l-Perit Valerio Schembri li kkonkluda li t-toqba li fiha waqa' Nedo Glisic ma kinitx adegwatament mghottija ghaliex kienet miksija bi tlett bicciet plywood u kien hemm parti mit-toqba miftuha. L-Ufficjal Prosekutur David Saliba waqt it-trattazzjoni finali fil-fatt jenfasizza li l-lant tax-xoghol ma kienx qed jigi kkunsidrat li kien 'safe' jew minghajr perikolu' ghaliex it-toqba fis-saqaf ma setghatx titqies li kienet adegwatament mghottija bil-bicciet tal-plywood u inoltre thalliet ukoll parzjalment miftuha. L-istess Ufficjal Prosekutur kompla jsostni li kieku l-istess toqba kienet u baqghet mghottija bir-rasto panel tal-concrete ma kien ikun hemm ebda perikolu. Huwa fil-fatt isostni li l-perikolu inholoq minhabba li tnehha dan ir-rasto panel li kien qed jghatti l-hofra u l-istess hofra ma gietx koperta adegwatament wara li tnehha dan ir-rasto panel.

Minn ezami bir-reqqa tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz din il-Qorti setghat tikkonstata li t-toqba kienet u baqghet mghottija bir-rasto panel sakemm refaghha Nedo Glisic innifsu billi qabadha minn taht, gholliha u fl-istess hin beda' miexi u jesponi t-toqba u spicca sabiex waqa' fiha. Mix-xhieda tal-istess Nedo Glisic u tal-foreman Jason Bonnici, li xehed quddiem l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali[4] u in kontro-ezami waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju 2011, jirrizulta li l-foreman kien inkariga lil Glisic sabiex jarma hajt bix-shutter tal-konkos u xogholu kien li jipposizzjona r-rasto panels li kien hemm stivati, liema rasto panels jidhru fir-ritratti mehuda mill-Ufficjal tal-Health and Safety Konrad Micallef li jinsabu nseriti a fol. 41 sa 48 tal-atti processwali sabiex dawn jigu mbaghad merfugha mill-crane u dan minhabba t-toqol tal-istess rasto panels. Dejjem mix-xhieda tal-istess Nedo Glisic jirrizulta li huwa effettivament minflok mar jipposizjona ir–rasto panels li kien hemm stivati u li kien indikalu Bonnici, bi svista u b'nuqqas ta' attenzjoni qabad ir-rasto panel li kien qed jghatti t-toqba li mbaghad spicca sabiex waqa' fiha sabiex b'hekk kixef l-istess toqba u waqa' fiha. Qabel ma Nedo Glisic ghazel li jgholli r-rasto panel li kien qed jghatti t-toqba din it-toqba kienet mghottija sodisfacentement u b'mod li jigi eskluz il-perikolu li xi hadd jaqa' fit-toqba li kienet qed tghatti, skond kif jikkoncedi l-istess Ufficjal Prosekutur u ghalhekk jidher li l-incident de quo sehh unikament minhabba nuqqas ta' attenzjoni da parti ta' Glisic li refa' rasto panel differenti minn dak li inghata struzzjonijiet sabiex jerfa'. Glisic jghid li huwa kien ilu ma jmur fuq is-sit tal-kostruzzjoni tlett ijiem u ma kienx jaf li kien hemm toqba taht ir-rasto panel izda mill-provi rrizulta wkoll li huwa kien ilu jaghmel xoghol fuq l-istess sit ghal zmien twil u kien jaf li f'dak il-parti tas-saqaf kien hemm dik it-toqba li kienet prezenti f'kull sular tal-blokk in dizamina. Huwa pjuttost evidenti li l-bicciet tal-plywood li kemm l-espert tekniku l-Perit Valerio Schembri kif ukoll l-Ufficjal Prosekutur jirritjenu li huma inadegwati sabiex jghattu t-toqba fis-saqaf, tqeghdu hemm wara l-incident, probabilment mill-Ufficjali tal-Health and Safety li marru l-ewwel fuq il-post.

[4] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 41 u 42 tal-Process Verbal.

Il-Qorti f’dan ir-rigward tixtieq tenfasizza li l-istess ufficjali tal-Health and Safety kellhom l-obbligu li jinfurmaw lis-Scene of the Crime Officers u lill-espert tekniku mahtur mill-Magistrat Inkwirenti b’dak li kienu ghamlu, cioe’ li kienu varjaw xi affarijiet fix-xena tad-delitt u dan sabiex dawn tal-ahhar ikunu f’posizzjoni ahjar li jistabilixxu x’kienet id-dinamika tal-incident. In vista ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti jidrilha li l-imputati ma jistghux jinstabu hatja la tal-ewwel(1) u l-anqas tat-tieni(2) mputazzjoni migjuba fil-konfronti taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tielet(3) u tar-raba’(4) mputazzjoni l-imputati fil-kwalita’ taghhom ta’ employers qed jigu akkuzati li naqsu milli jaghmlu evalwazzjoni xierqa u sufficjenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta’ li setghu ikunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u tar-riskji li setghu jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita’ tax-xoghol kif ukoll talli naqsu milli jzommu fil-pussess taghhom kopja bil-miktub jew li tista’ tinkiseb b’mod elettroniku ta’ dawn l-evalwazzjonijiet u talli naqsu milli jizguraw ruhhom li tali evalwazzjonijiet jigu aggornati. F’dawn il-proceduri l-imputati esebew kopja ta’ Health and Safety Plan[5] u diversi dokumenti ohra u minn ezami tal-imsemmi dokumenti jirrizulta pruvat sal-grad tal-probabbli li l-imputati fil-kwalita’ taghhom ta’ diretturi tas-socjeta’ Vassallo Builders Group Limited ghamlu evalwazzjoni xierqa, sufficjenti u sistematika tal-perikli li seta’ jkun hemm fuq il-post ta-xoghol u li huma zammew kopja bil-miktub tal-istess evalwazzjoni. Mill-provi rrizulta wkoll li huma assikuraw li fuq il-lant  tax-xoghol kien hemm prezenti Project Supervisor u Security and Safety Manager. Permezz tax-xhieda ta’ George Mangion[6], li huwa Human Resources Manager tas-socjeta’ Vassallo Builders, inoltre rrizulta li huwa kien izur is-sit ta’ kostruzzjoni b’mod regolari u jhejji rapporti li kien jipprezenta bil-miktub lil Bord tad-Diretturi li kien jiltaqa’ kull gimgha sabiex fejn kien jindika il-bidliet u l-

[5] Dok. PV1 inserit a fol.  200 et sequitur tal-atti processwali.
[6] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 307 et sequitur tal-atti processwali.

improvements li kellhom isiru fuq il-lant tax-xoghol sabiex tigi assikurata s-sigurta' fuq l-istess lant tax-xoghol. Il-Qorti jidrilha li d-Difiza rnexxilha tipprova sal-grad rikjest minnha mill-ligi li hija fil-fatt issodisfat l-obbligi kollha mposti mill-ligi permezz tar-Regolamenti 10(1) u (2) tal-Avviz Legali 36/03 u kwindi isegwi li l-anqas it-tielet(3) u r-raba'(4) mputazzjoni ma jistghu jitqiesu li jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-imputati waqt l-udjenza tal-11 ta' Marzu 2011. Il-Qorti inoltre tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------